MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2011

Talba Numru. 41/2010

Avviz Numru 41/2010

Mario Farrugia

vs

L-Avukat Dr. Jean Paul Grech bhala kuratur deputat mahtur sabiex jirrapprezenta lill-imsiefer Peter Ray, u b'nota tal-1 ta' April 2011, Peter Ray assuma l-atti personalment

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fit-8 ta' Ottubru 2010, li jaqra hekk :-

'Peress illi l-attur ghamel xogholijiet ta' tikhil, tibjid, tqeghid ta' madum, u xoghhol iehor simili lill-konvenut fil-fond 137, Triq Tal-Ghajn, Fontana, Ghawdex, ghal liema xoghol l-attur fadallu jiehu s-somma ta' elfejn tliet mija u erbghin

Euro flimkien mal-VAT li trid tigi mizjuda ma’ dan l-ammont bir-rata ta’ 18% ;

Jghid ghalhekk il-konvenut il-ghaliex ma ghandux jigi kkundannat minn dan it-Tribunal li jhallas lill-attur din is-somma ta’ elfejn tliet mija u erbghin Euro flimkien mal-VAT fuqha bir-rata ta’ 18% ;

Bl-ispejjez kollha nkluzi ta’ l-ittra nterpellatorja tal-31 ta’ Mejju 2010, u tal-4 ta’ Awissu 2010 ;

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.’ ;

Il-kuratur deputat l-Avukat Dr. Jean Paul Grech li b’digriet tas-7 ta’ Jannar 2011, kien inhatar sabiex jirrapprezenta lill-konvenut, permezz tar-risposta tieghu pprezentata fid-19 ta’ Jannar 2011, eccepixxa :-

‘Illi l-esponenti mhux edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza, u ghaldaqstant mhux fil-posizzjoni li jissoleva l-eccezzjonijiet kollha applikabbli ghall-kaz skond il-ligi. Difatti fil-prezent l-esponenti m’ghandux l-indirizz, numru tat-telefon jew email li jistghu jippermettulu jaghmel kuntatt ma’ Peter Ray, u ghalhekk qieghed jirrizerva li jipprezenta risposta ulterjuri jekk u meta huwa jkun fil-pussess ta’ l-informazzjoni kollha mertu tal-kaz ;

Ghal kull buon fini pero’ l-esponenti qieghed minn issa jikkontesta t-talbiet attrici ;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt ;

Bl-ispejjez kontra l-attur.’ ;

Illi permezz ta’ risposta ulterjuri pprezentata fil-15 ta’ April 2011, il-konvenut eccepixxa ulterjorment :-

‘Illi din hija risposta addizzjonali li qed tigi prezentata wara li l-intimat assuma l-atti fl-ahhar seduta ;

Illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fid-dritt u fil-fatt peress li l-intimat (*rectae* rikorrent) ma esegwiex ix-xoghol

li kien gie nkarigat li jaghmel skond l-arti u s-sengha u fic-cirkostanzi ghalhekk m'huwa dovut l-ebda hlas lilu qabel ma jaghmel a spejjez tieghu x-xogholijiet rimedjali kollha necessarji minhabba n-nuqqas tieghu ;

Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt ;

Bl-ispejjez.' ;

Sama' l-provi tal-partijiet ;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha ;

Sama' t-trattazzjoni tad-difensuri rispettivi tal-partijiet ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Illi f'din il-kawza l-attur kien inghata appalt konsistenti f'xoghol ta' tikhil, tibjid, tqeghid ta' madum, xoghol ta' konkos, u xogholijiet ohra li d-dettalji taghhom jirrizultaw mill-istima a fol.13 sa 15 tal-process. Ghal dan ix-xoghol l-attur gia' kien ircieva minghand il-konvenut il-pagament ta' hamest elef erbgha mija u tlieta u disghin Euro u tliet centezmi (€5,493.03), u qed jghid li fadallu jiehu minghandu l-bilanc ta' elfejn tliet mija u erbghin Euro (€2,340) oltre l-hlas tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq dan il-bilanc ;

Il-konvenut qed jirrifjuta li jhallas is-somma mitluba peress li qed jallega li x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha ;

Il-gursiprudenza in *subiecta materia* li nibtet, tista' tghid, mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza : **Carmelo Mallia vs Ivan John Fonk**, deciza fl-24 ta' Jannar 1975, hi fis-sens li 'l-imprenditur huwa tenut jesegwixxi l-kuntratt mhux kif jidhirlu hu imma *bene e a regola d'arte e secondo i patti stabbiliti,* …. u fejn ma hemmx patti espressi, l-esekuzzjoni ghandha ssir skond l-intenzjoni tal-partijiet li zgur li ma kienetx illi kellu jinghata xoghol hazin'. Meta jirrizultaw difetti fir-rizultat ahhari, it-talba tal-

imprenditur ghandha titqies intempestiva, u kwindi, michuda, jekk dawk id-difetti jkun ta’ entita gravi. Meta d-difetti ma jkunx sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jitqies inadempjenti, pero’, jibqa’ obbligat li jirripara d-difetti jew jaccetta riduzzjoni fil-prezz. [ara Prim’Awla, **Bezzina vs Cardona**, deciza fil-11 ta’ Novembru 1983, Qorti tal-Appell, **Mallia vs Magri**, deciza fit-13 ta’ Ottubru 1989, u Prim’Awla, **Abela vs Scicluna**, deciza fil-31 ta’ Jannar 2003] ;

L-ilment principali tal-konvenut jirrigwarda l-mod kif gie mqieghed u nvellat il-madum tal-art tal-kcina. Il-kcina hija kbira madwar tmien piedi bi tnax-il pied ekwivalenti ghal xi disgha metri kwadri (9m.k.). Dan il-madum kien gie maqlugh minn kamra ohra fl-istess dar u kien gie mwahhal minflok il-madum tal-muzajk li kien hemm fil-kcina. Dan il-madum ried jehel b’kontinwazzjoni mal-madum tal-kamra tal-pranzu li huma pjan wiehed, u minn genb ghal iehor tal-kcina l-madum twahhal b’pendil ta’ bejn ghoxrin u sitta u ghoxrin millimetru (20mm-26mm), li huwa kunsidrat pendil pjuttost qawwi tenut kont tal-fatt li l-kamra mhi kbira xejn. L-attur jattribwixxi dan il-pendil pjuttost qawwi ghal difetti fix-xoghol ta’ kif kien gie imqieghed il-madum tal-kamra tal-pranzu, li skond hu ma kien imwahhal tajjeb xejn. Minn naha l-ohra l-konvenut iwahhal fl-attur li dan huwa dovut ghal xoghol li sar b’mod traskurat mill-attur jew mill-haddiema tieghu li gew afdati b’dan ix-xoghol ;

Jirrizulta mill-provi li l-attur kien accetta u offra li jirrimedja ghal dan id-difett, izda l-konvenut ma kienx accetta li x-xoghol rimedjali jaghmlu l-konvenut billi ma kienx ghad baqghalu fiducja la fih u lanqas fil-haddiema tieghu. Il-konvenut sa kien offra li jnaqqas mill-bilanc tal-prezz is-somma ta’ tliet mitt Euro (€300) li konvenut kien qiesha bhala somma baxxa wisq tenut kont tal-ispejjez involuti biex jinqala’ l-madum tal-kcina, jinxtara madum gdid, u jerga’ jehel, u gab stima ta’ dan ix-xoghol ta’ elf u sittin Euro (€1060), liema stima l-attur iqisha wahda eccessiva meta x-xoghol hu kien accetta li jaghmlu mill-gdid u li kien sa jigih ferm inqas minn din l-istima. Billi d-differenza bejn l-ammont li l-attur kien offra li jnaqqas mill-bilanc tal-prezz

u l-stima li gab il-konvenut biex jaqla' u jbiddel il-madum tal-kcina, li dwarha mhumiex jaqblu l-partijiet hija biss ta' €760 (eskluza l-VAT), dan it-Tribunal ma jarahiex vallapena li jinnomina perit tekniku biex jaghmel stima ta' dan ix-xoghol li sar hazin ;

Id-difetti li minnhom qed jilmenta l-konvenut ma jidhrux li huma ta' natura sostanzjali. Kwindi, l-attur ma jistax jitqies li hu inadempjenti, u ta' xogholu ghandu jithallas, izda ghandu jaccetta riduzzjoni fil-prezz minhabba dawn id-difetti, certament mhux riduzzjoni ta' tliet mitt Euro (€300) biss ;

Dwar l-ilmenti l-ohra tal-konvenut rigward it-ticpis tas-cement fuq il-madum tas-salott, dan it-Tribunal mhuwiex soddisfatt mill-provi in atti li kien l-attur jew il-haddiema tieghu li cappsu dan il-madum. Jirrizulta li fl-istess zmien kien hemm kuntratturi ohra jahdmu fid-dar tal-konvenut, u l-konvenut ma rnexxielux jipprova li dan it-ticpis fuq il-madum kien dovut ghal traskuragni da parti tal-attur jew tal-haddiema tieghu. Dwar is-sollijiet tas-sement, l-attur stess kien offra li dawn jirrangahom kif jirrizulta mix-xhieda ta' Alfio Rapa, u t-Tribunal iqis li l-istima ta' hamsin Euro (€50) maghmula mill-perit mqabbad mill-konvenut ghal dan ix-xoghol hija wahda ragonevoli ;

Hu necessarju ghalhekk li jigi stabbilit il-prezz gust tax-xoghol rimedjali, kompriza l-fornitura tal-materjal, biex jinbidel il-madum tal-art tal-kcina. Billi kif gia' gie osservat li d-differenza li dwarha mhumiex jaqblu l-partijiet mhijiex sostanzjali, dan it-Tribunal ma jarahiex vallapena li jinnomina perit tekniku biex jaghmel stima tax-xoghol rimedjali ;

B'analogija ghall-artikolu 1624 tal-Kap.16, il-hlas involut biex isir dan ix-xoghol rimedjali jista' jigi stabbilit jew bi stima ta' perit, jew ukoll minghajr din l-istima, skond ic-cirkustanzi. Inghad li 'ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-gudikant anke' fis-sistema tal-ligi taghna l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligh bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva fejn il-provi fir-rigward tal-valutazzjoni tal-ammont tad-danni ma

humiex tant lineari jew ben stabbiliti jew f'kaz ta' nuqqas ta' mezzi probatorji [Prim'Awla, **Charles Attard vs Carmela Frendo et**, 31/01/2003 ; Prim'Awla, **Margaret Camilleri et vs Cargo Handling Co. Ltd.**, 13/10/2004]. Ara a propozitu decizjoni a **Vol. XXXV.iii.615** fejn gie proprju rikonoxxut, fuq l-istregwa ta' dak espress mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni, illi *vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e` rimesso al magistrato il valutare 'ex aequo et bono' secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l'ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato*'. Wara li qies ic-cirkostanzi kollha, il-fatt li l-madum li wehel fil-kcina kien inqala' minn band'ohra u ma kienx inxtara gdid, u wkoll il-fatt li kieku l-istess xogholijiet rimedjali kellu jesegwihom l-attur kien jaghmilhom b'inqas mill-istima tal-perit li giet esibita mill-konvenut, dan it-Tribunal iqis li riduzzjoni ta' tmien mija u hamsin Euro (€850) mill-bilanc tal-prezz mitlub biex taghmel tajjeb ghad-difetti fix-xogholijiet fuq imsemmija u biex dawn jigu rimedjati, hija gustifikata ;

Ghaldaqstant ghall-motivi premessi dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi jilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' elf erbgha mija u disghin Euro (1,490), li maghhom trid tizdied il-VAT jekk ir-rikorrent mhuwiex persuna ezenti ghall-finijiet tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur din is-somma bl-imghaxijiet legali b'effett millum sal-effettiv pagament ;

Spejjez fic-cirkostanzi ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal zewg terzi (2/3) mill-konvenut u terz (1/3) mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------